

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fl-1 ta' Lulju 2009 — Handelsmaatschappij J. van Hilst et, parti l-oħra: The Jaguar Collection Limited et**

(Kawża C-238/09)

(2009/C 312/15)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

#### Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi)

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Handelsmaatschappij J. van Hilst et

Parti l-oħra: The Jaguar Collection Limited et

Permezz tad-digriet tal-20 ta' Lulju 2009, il-Qorti tal-Ġustizzja ordnat it-tħassir tal-kawża mir-reġistru tagħha.

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Awwissu 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Polonja**

(Kawża C-326/09)

(2009/C 312/16)

Lingwa tal-kawża: Il-Pollakk

#### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. van Beek u M. Kaduczak, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika tal-Polonja

#### Talbiet

— tiddikjara li, billi ma adottatx, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE, tat-13 ta' Diċembru 2004, li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi<sup>(1)</sup>, jew, fi kwalunkwe każ, billi ma nnotifikatx lill-Kummissjoni bl-adozzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-imsemmija direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/113/KE skada fil-21 ta' Diċembru 2007.

(<sup>1</sup>) ĠU L 153M, p. 294.

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Polonja**

(Kawża C-331/09)

(2009/C 312/17)

Lingwa tal-kawża: Il-Pollakk

#### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: K. Gross u A. Stobiecka-Kuik, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Polonja

#### Talbiet

— tiddikjara li, billi naqset mill-obbligi tagħha taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-23 ta' Ottubru 2007, dwar għaj-nuna mill-Istat C 23/06 (ex NN 35/06) li l-Polonja kienet implementat għall-produttur tal-azzar Technologie Buczek Group (innotifikata taħt in-numru C(2007) 5087), ippubblikata fil-ĠU 2008 L 116, p. 26, u fi kwalunkwe każ billi ma infurmatx lill-Kummissjoni bl-osservanza ta' daww l-obbligi, ir-Repubblika tal-Polonja kisret ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 249 KE u l-Artikoli 3, 4 u 5 tad-deċiżjoni msemmija iktar 'il fuq;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni adottat, fit-23 ta' Ottubru 2007, deċiżjoni li tordna r-rimbors ta' għaj-nuna mill-grupp Pollakk li jipproduċi l-azzar Technologie Buczek, b'mod partikolari mingħand Technologie Buczek SA ('TB') u s-sussidjarji tagħha: Huta Buczek ('HB') u Buczek Automotive ('BA'), li attwat illegalment pian ta' ristrutturazzjoni li kien ġie preċedentement ikkonfermat u sussegwentement irċieva għaj-nuna operattiva illegali. Dik l-għaj-nuna operattiva ħadet il-forma ta' eċċezzjoni mill-obbligi taħt id-dritt pubbliku. Ir-Repubblika tal-Polonja ġiet innotifikata bid-deċiżjoni tal-24 ta' Ottubru 2007 permezz tar-Rappreżentant Permanenti tagħha għall-Unjoni Ewropea. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni talbet lir-Repubblika tal-Polonja tieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex tiżgura r-rimbors tal-għaj-nuna li ingħatat illegalment.

Fid-data meta tressaq ir-rikors, l-għaj-nuna mogħtija lil HB u BA ma kinitx għadha ġiet irrimborsata.